**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2018**

Numru 1

**Appell Nru. 3/2018**

**Anthony Delia**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**b’digriet tal-15 ta’ Marzu 2018**
**David Zammit u Mary Zammit**
**intervenew fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Anthony Delia tad-9 ta’ Jannar 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta’ Dicembru 2017 li biha hassret id-decizjoni ta’ rifjut tal-applikazzjoni PA 3040/16 rigward ’construction of goat and sheep farm’ f’Haz-Zabbar u baghtet l-atti lura lil Kummissjoni tal-Ippjanar biex jerga’ jisma l-applikazzjoni mill-gdid fid-dawl tal-atti kollha a dispozizzjoni tieghu;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tat-terzi intervenuti;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jirrigwardja zewg kwistjonijiet ta' sustanza mqajjma kemm mill-appellanti kif ukoll mit-terzi persuni nterressati li huma s-segwenti:
1. Illi l-aggravju tal-appellant huwa wiehed car: l-Kummissjoni zbaljat meta rrifjutat l-izvilupp meta qieset illi l-pjanti ma kienux qed jissodisfaw l-animal welfare standards meta l-pjanti fil-process tal-applikazzjoni kienu gew amendati sabiex jirriflettu l-kwisjtonijiet imqajjma mid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarju. Dan gie konfermat permezz ta' xhieda ta' Dr. Chetchuti Ganado, Veterinarju, Servizzi Veterinjarji, meta ddikjara li l-pjanti a fol 22A fl-applikazzjoni de quo huma skont ir-rakommandazzjonijiet li ghamel l-istess Dipartiment [Dokument a fol 19 fl-inkartament tal-PA 3040/16].
2. Illi minn naha l-ohra, it-terzi persuni nterresati sostnew illi d-diskussjoni waqt l-ahhar laqgha tal-Kummissjoni kienet tikkoncerna l-ilmenti taghhom, ossia li l-izvilupp ta' razzett kien qed jikser il-providimenti tal-Policy SMSE 08 tal-Pjan Lokali [South Malta Local Plan (2006)] li jirregola l-izviulpp gewwa Category 3 Rural Settelments bhal fil-kaz inezami, u ghalhekk ir-raguni ta' rifjut ma jirriflettiex ir-raguni li waslet ghaliha l-Kummissjoni, ossia dwar l-Category 3 Rural Settlement.

Illi mill-provi migjuba mill-appellanti, huwa evidenti illi r-rakomandazzjoni tad-Direttorat tal-Ippjanar kienet ibbazata fuq ir-rapport tad-Direttorat ghar-Regolazzjoni Veterinarju filwaqt li gew injorati l-pjanti prezentati b'mod immedjat li qed jindirizzaw il-kwistjonijiet elenkati mill-Veterinarju, li dan tal-ahhar ikkonferma li l-pjanti decizi mill-Kummissjoni fil-fatt huwa skont l-istandards applikabbli.

Minn naha l-ohra, l-Kummissjoni tidher illi kkunsidrat il-kwistjoni dwar il-Category 3 Rural Settlement fid-decizjoni finali. Illi l-Kummissjoni ddecidiet hekk: "Refused 3/0 Board noted that the site lies within a category 3 rural settlement [Laqgha tas-26 ta' Ottubru 2016, Minuta numru 109 fl-inkartament tal-PA 3040/16]."

Illi f'dan ir-rigward, id-dikjarazzjonijiet tat-terza persuna nteressata s-Sur David Zammit fl-affidavit guramentat tieghu prezentat fis-16 ta' Mejju 2017 huwa kkorroborat mill-fatt li l-Kummissjoni nnotat li s-sit jinsab f'Category 3 Rural Settlement bhala motivazzjoni ta' rifjut.

Madankollu jibqa' l-fatt li hawnhekk jirrizulta dubju ragenevoli fir-rigward il-motivazzjoni tar-rifjut kif deciz mill-Kummissjoni tenut illi r-raguni tar-rifjut kif notifikat ma tirriflettix dak ikkunsidrat mill-Kummissjoni.

Illi f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan l-istadju, minghajr ma jidhol fil-mertu tal-izvilupp odjern, ikun opportune illi tenut id-dikjarazzjoni tal-Veterinarju, Direttorat ghar-Regolazzjoni Veterinarju, jirrimetti lura l-applikazzjoni lill-Kummissjoni tal-Ippjanar sabiex tikkunsidra mill-gdid l-applikazzjoni odjerna fid-dawl ta' dawn il-fatti godda.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed ihassar id-decizjoni ta' rifjut, jirrimetti lura l-applikazzjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar sabiex tikkunsidra mill-gdid l-applikazzjoni fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-Veterinarju, Direttorat ghar-Regolazzjoni Veterinarju, filwaqt ukoll li tikkunsidra s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet, u tiddeciedi mill-gdid skont il-ligi.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal hi ultra petita billi iddecieda fost affarijiet ohra fuq sottomissjoni tat-third party objectors li ma kienux appellanti u ma ipprezentaw ebda appell quddiem it-Tribunal mid-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar. Din is-sottomissjoni kienet tirrigwarda nuqqas ta' inkluzjoni fid-decizjoni tal-Kummissjoni ta raguni ohra ta' rifjut ghalkemm notata b'approvazzjoni mill-istess Kummissjoni cioe li l-izvilupp kien imur kontra South Local Plan Policy SMSE 08 ghax is-sit jinsab f'category 3 settlement li fih mhux permess zvilupp gdid;

2. It-Tribunal naqas li jaghti decizjoni fuq l-aggravji tal-appell u minflok baghat l-applikazzjoni biex tigi deciza mill-gdid ghax il-Kummissjoni ma indirizzatx il-kwistjonijiet kollha dwar in-nuqqasijiet fl-izvilupp skond il-VRD cioe l-Verterinary Regulation Department, liema nuqqasijiet jidher li gew indirizzati mill-appellant fil-mori tal-proceduri u l-Kummissjoni ma qisithomx qabel ittiehdet id-decizjoni.

**L-aggravji**

Il-ligi taghti drittijiet ta' appell lil applikant, lit-terz oggezzjonant li jkun ha parti fil-proceduri quddiem l-Awtorita wara li jkun irregistra ruhu bhala terz interessat, u lil Awtorita wara decizjoni tal-Awtorita. Kif ribadit minn din il-Qorti bhala principju, it-Tribunal hu marbut jiddeciedi biss fuq l-aggravji mressqa quddiemu fl-appell tenut kont tar-risposti prezentati liema risposti skond l-artikolu 20 tal-Kap. 551 ghandhom ikunu limitati ghar-ragunijiet ta' rifjut jew kondizzjonijiet imposti mill-awtorita u ghar-ragunijiet moghtija mill-appellant. Ebda parti ma ghandha, permezz ta' sottomissjoni, verbali jew miktuba, tqajjem aggravju li ma jirrizultax mill-appell ipprezentat. It-Tribunal mhux parti u ma jistax iqajjem aggravji hu sua sponte ghalkemm din il-Qorti

tqis illi t-Tribunal hu munit bil-poter li jqajjem kwistjonijiet ta' ordni pubbliku jew gustizzja naturali jew kwistjonijiet ta' natura sostanzjali li jirrizultaw mill-atti u li jehtiegu jigu kunsidrati wara li jinghata d-debitu avviz lil partijiet biex jinghataw l-opportunita li jissottomettu dwarhom. L-artikolu 31 tal-Kap. 551 hu pjuttost wiesa u jaghti poteri ampji lit-Tribunal cioe li jikkonferma, ihassar jew ibiddel decizjoni appellata u jaghti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa. Il-kliem 'ihassar' u 'jaghti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa' jaghti l-poter tat-Tribunal li filwaqt li jhassar decizjoni moghtija jaghti kull ordni li jidhirlu xierqa inkluz li jekk iqis gust u fl-interess tal-amministrazzjoni sew tal-gustizzja, jerga' jibghat l-atti quddiem l-Awtorita biex il-kwistjoni tigi epurata sew mill-gdid u deciza b'dan li l-partijiet ikunu qed jinghataw id-dritt tal-ezami doppju fuq kwistjonijiet ta' ligi quddiem il-Qorti tal-Appell. Hu minnu li l-artikolu 31 tal-Kap. 551 ghandu caveat fejn it-Tribunal jista' jitlob dokumenti u pjanti godda pero din hi ghodda eccezzjonali moghtija lit-Tribunal biex ma jkunx hemm dilungar eccessiv ta' proceduri basta li tali talba ma tkunx fiha nfisha qed tbiddel il-mertu tal-kwistjoni. Altrimenti japplika d-dispost principali fejn it-Tribunal ghandu l-poter, fejn jidhirlu xieraq, flok ibiddel jew jikkonferma, ihassar decizjoni u jaghti l-ordnijiet li jidhirlu. Ovvjament it-Tribunal ma jistax iqajjem ebda kwistjoni jekk ma jsirx appell quddiemu, pero darba li jingieb appell, it-Tribunal  ghandu jqis dak kollu pertinenti ghall-kwistjoni naxxenti mill-appell dejjem tenut kont tal-aggravji prezentati u t-talba li fil-generalita tal-kazijiet tkun qed titlob ir-revoka tad-decizjoni ta' rifjut jew accettazzjoni tal-applikazzjoni mressqa quddiem l-Awtorita.

Applikati dawn il-principji ghal kaz, it-Tribunal kellu quddiemu appell tal-applikant minn rifjut ta' applikazzjoni fuq raguni wahda cioe li l-farm mhux konformi mal-annimal welfare and milk hygiene standards (policies 2.3B u 5.1B tar-Rural Policy and Design Gudiance, RPD6, 2014). L-appellant issottometta illi din ir-raguni ta' rifjut kienet giet ventilata mill-VRD u giet indirizzata mill-applikant quddiem il-Kummissjoni bi pjanti godda qabel ittiehdet id-decizjoni pero xorta l-Kummissjoni cahdet il-hrug tal-permess. It-Tribunal, wara li sema x-xiehda tat-tabib veterinarju fuq il-kwisjtoni qies li dan xehed li l-izvilupp kif issa prospettat kien jirrifletti l-istandards applikabbli. It-Tribunal uza d-diskrezzjoni tieghu u flok biddel id-decizjoni hu hass li d-decizjoni kellha tigi imhassra biex il-Kummissjoni terga' tqis il-kwistjoni b'mod ampju skont il-fatti kollha rizultanti inkluz ix-xhieda tal-veterinarju moghtija quddiem it-Tribunal u

terga tittiehed decizjoni mill-gdid wara li jinstemghu il-partijiet u dan biex il-partijiet ikollhom l-opportunita li jivventilaw sew il-kwistjoni quddiem l-istess Kummissjoni li inizjalment irrifjutat il-permess. Il-Qorti ma tqis li t-Tribunal kien skorrett fid-decizjoni tieghu ghalkemm seta' iddecieda l-kwistjoni hu jekk dehrlu opportun. Pero l-Qorti ma ghandhiex tissindaka l-modus operandi tat-Tribunal sakemm ma jippekkax fil-ligi li f'dan il-kaz ma jirrizultax.

It-Tribunal pero mar oltre u dahhal il-kwisjtoni dwar in-natura tas-sit li jinsab f'category 3 rural settlement. Jidher illi l-Kummissjoni ikkonsidrat din il-kwistjoni u iddecidiet fis-seduta ghall-approvazzjoni jew rifjut tal-applikazzjoni li fil-fatt l-izvilupp kellu jigi rifjutat ghal din ir-raguni wkoll, ghalkemm tali raguni ta' rifjut imbaghad ma tirrizultax fid-decizjoni finali. Il-kwistjoni giet ventilata quddiem il-Kummissjoni. Hu minnu, kif jissottometti l-appellant, illi din il-kwistjoni ma kinitx tifforma la parti mid-decizjoni ufficjali tal-Kummissjoni u anqas minn ebda aggravju ta' appell. Tqajjmet biss bhala sottomissjoni mit-terzi interessati quddiem it-Tribunal li ma appellawx mid-decizjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni. Il-Qorti taghmilha cara illi ma taqbilx li t-terz ma setghax jappella ghax id-decizjoni kienet wahda ta' rifjut. Id-dritt ta' appell fl-artikolu 71(6) tal-Kap. 551 hu miftuh u ma kien hemm xejn x'izomm lit-terzi milli jappellaw biex jigi inkuz dak li l-Awtorita iddeliberat u iddecidiet dwaru izda ma giex inkluz fid-decizjoni u fl-istess waqt tikkonferma r-raguni ta' rifjut li fuqha inghatat id-decizjoni ufficjali. Kif inghad din il-Qorti hi attenta ferm li t-Tribunal ma jqisx sottomissjonijiet li huma aggravji mghottija li ma jirrizultawx mill-appell jew riflessi fih. It-terz interessat li jkun wera interess fl-appell ghandu pero d-dritt skond il-ligi li jinstema quddiem it-Tribunal u jista' jigi mitlub jaghti x xiehda. Il-Qorti tqis li l-fatt li t-terz jista' jindirizza lit-Tribunal ifisser li jista' jaghmel sottomissjonijiet rigwardanti l-applikazzjoni, ir-raguni ta' rifjut jew konferma u l-aggravji tal-appell. It-Tribunal kif intqal ghandu jiddeciedi biss fuq l-aggravji imressqa. F'cirkostanzi normali l-Qorti kienet tqis li t-Tribunal ma ghandux jqis sottomissjonijiet mhux konnessi ma' aggravji migjuba pero dan il-kaz hu wiehed barra minn normali ghaliex it-Tribunal gie rinfaccjat b'raguni ta' rifjut moghtija mill-Kummissjoni li mhix riflessa fid-decizjoni ufficjali, liema raguni giet ventilata mill-partijiet quddiem il-Kummissjoni u ghalhekk tifforma parti mill-atti.

It-Tribunal ma setghax jinjora din il-kwistjoni anki jekk it-terz oggezzjonant ma appellax dwarha formalment, dan ghax il-ligijiet ta' pajjiz inkluz b'mod partikolari dawk tal-ippjanar bil-policies u pjanijiet huma ta' ordni pubbliku (ara **Giovanni B. Ferri,** 'Ordine Pubblico, Buon Costume e La Teoria del Contratto', Giuffrè 1970), u jekk jirrizulta xi zball jew omissjoni li tidher mill-atti kif jista' jkun jidher f'dan il-kaz skont l-istess Tribunal, liema nuqqas seta' kellu effett sostanzjali fuq id-decizjoni ufficjali tal-Awtorita, kien l-obbligu tat-Tribunal li jissenjala dan. Il-Qorti tqis li tali kwistjoni seghet giet senjalata mit-Tribunal ex officio u l-partijiet jinghataw l-opportunita jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u wara tittiehed decizjoni (ara f'dan is-sens **Fenech et vs L-Awtorita tal-Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza 23/11/2016, App 14/2016). F'dan il-kaz sub iudice l-kwistjoni giet senjalata mit-terz interessat qabel id-decizjoni u t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma setax jinjora tali kwistjoni izda kellu bilfors jindirizzaha. Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal mexa sew billi ma setghax jiddeciedi fuq aggravju mhux imqajjem esplicitament izda ha t-triq kif kellu d-dritt li jaghmel li jhassar id-decizjoni u jibghat l-atti lura lil Kummissjoni biex tiddeciedi l-appell mhux biss fuq il-kwistjoni tal-VRD imqajma mill-appellant bhala l-aggravju tieghu kontra r-rifjut tal-applikazzjoni izda wkoll fuq din ir-raguni ulterjuri ta' rifjut li ma jidhirx li giet riflessa fid-decizjoni ufficjali tal-Kummissjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-aggravji tal-appellant mhux misthoqqha u qed jigu michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Anthony Delia, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Dicembru 2017. Spejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur